



---

*Kumitat għall-Petizzjonijiet  
Il-Prezidenza*

---

21.9.2023

Is-Sur Adrián Vázquez Lázara

President  
Kumitat għall-Affarijiet Legali  
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Dritt tal-Unjoni Ewropea fl-2020, l-2021 u l-2022 (2023/2080(INI))

Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ingħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Lulju 2023, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet ikkunsidra l-kwistjoni matul il-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Settembru 2023. F'dik il-laqgħa<sup>1</sup>, huwa ddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Dolors Montserrat

---

<sup>1</sup> Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Dolors Montserrat (President), Yana Toom (Viċi President), Ryszard Czarnecki (Viċi President), Loránt Vincze (rapporteur), Asim Ademov, Alexander Bernhuber, Maria Angela Danzi, Francesca Donato, Jarosław Duda, Angel Dzhambazki, Agnès Evren, Gheorghe Falcă, Alexis Georgoulis, Vlad Gheorghe, Peter Jahr, Marina Kaljurand, Cristina Maestre Martín De Almagro, Demetris Papadakis, Anne-Sophie Pelletier, Emil Radev, Massimiliano Smeriglio, Ramona Strugariu, Michal Wiezik, Kosma Złotowski, Tatjana Ždanoka

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għal-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jisħaq li d-dritt ta' petizzjoni lill-Parlament Ewropew huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE, li jippermetti liċ-ċittadini u r-residenti tal-UE jindirizzaw lir-rappreżentanti eletti tagħhom direttament u jipparteċipaw b'mod attiv u effettiv fil-ħajja tal-Unjoni; jisħaq li għad iridu jiżdiedu l-isforzi biex jiżdied l-għarfien taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom li jressqu petizzjoni dwar suġġetti li jaqgħu taħt l-oqsma ta' attività tal-Unjoni Ewropea u li jaffettwawhom direttament; jitlob għalhekk li jsiru sforzi konġunti biex tingħata informazzjoni aħjar dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE, inkluż id-dritt ta' petizzjoni;
2. Jinnota li għadd kbir ta' petizzjonijiet jikkonċernaw allegazzjonijiet ta' ksur tad-dritt tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tinforza d-dritt tal-UE, b'mod partikolari billi żżid l-azzjonijiet ta' ksur fejn l-Istati Membri qed jonqsu milli jimplementaw id-dritt tal-UE;
3. Jaqbel mal-fehma li l-protezzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE u tad-drittijiet relatati hija ta' importanza kbira għall-UE; ifakkar li d-dispożizzjonijiet biex tinkiseb jew tintilef in-nazzjonalità ta' Stat Membru jridu jikkonformaw mad-dritt tal-UE u l-ġurisdizzjoni tal-QĠUE; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom mingħajr ebda diskriminazzjoni u fl-Istati Membri kollha tal-UE;
4. Iqis bħala essenzjali, għall-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet taċ-ċittadini, azzjoni rapida biex jintemm il-ksur tad-dritt tal-UE mill-Istati Membri billi jiġi adottat perjodu ta' żmien ċar u iqsar u billi jissaħħu r-regoli legali dwar il-proċeduri ta' ksur kif ukoll dwar id-differiment ta' kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE f'każ ta' ksur persistenti tad-dritt tal-UE;
5. Jinsab imħasseb dwar l-ammont kbir ta' proċeduri ta' ksur li għaddejjin li baqgħu wieqfa għal ħafna snin fil-fażi prekontenzjuża mill-Kummissjoni Ewropea, mingħajr ebda riferiment lill-QĠUE għall-Istati Membri kkonċernati, minkejja n-nuqqas persistenti tagħhom li jirrispettaw id-dritt tal-UE relatat jew li jittrasponu b'mod korrett id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE fi ħdan is-sistema legali nazzjonali rispettiva tagħhom;
6. Jiddispijaċih li l-Istati Membri kollha wara aktar minn 4 snin għadhom ma ttrasponewx id-Direttiva (UE) 2019/882 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, u b'hekk miljuni ta' persuni b'diżabbiltà fl-UE ma jitħallewx jibbenefikaw bis-sħiħ mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, bl-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni attiva tal-persuni b'diżabbiltà fis-soċjetà, inkluż fl-edukazzjoni u fl-impjiegi;
7. Jistieden lill-Kummissjoni tirrispetta r-regoli tagħha stess stabbiliti fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "Sanzjonijiet finanzjarji fi proċedimenti ta' ksur" adottata fl-4 ta' Jannar 2023, fejn hija stess stabbiliet mira ta' 12-il xahar biex tirreferi każijiet ta' ksur lill-QĠUE, jekk in-nuqqas ta' traspożizzjoni ta' direttiva jippersisti wara li tkun skadiet l-iskadenza stabbilita mil-leġiżlatur tal-Unjoni, minħabba l-importanza ddikjarata, għaċ-

ċittadini u għall-kredibbiltà tad-dritt tal-Unjoni, biex jiġi żgurat ir-rispett tagħha mill-Istati Membri; jissottolinja li l-Kumitat għall-Petizzjonijiet matul is-snin irċieva ammont kbir ħafna ta' petizzjonijiet, li għadhom miftuħa, dwar id-drittijiet relatati ta' dawn id-Direttivi ppreżentati minn ċittadini ta' diversi Stati Membri;

8. Itenni r-rilevanza strateġika li jiġu indirizzati wkoll kwistjonijiet individwali ta' petizzjonijiet sabiex, fost l-oħrajn, jiġu identifikati kmieni u jiġu evitati nuqqasijiet sistemiċi serji possibbli; iqis bħala essenzjali, għall-infurzar korrett tad-dritt tal-UE, djalogu aktar f'waqt u proattiv mill-Kummissjoni mal-awtoritajiet nazzjonali biex jiġi indirizzat il-ksur potenzjali tad-dritt tal-UE ddenunzjat mill-petizzjonanti;
9. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi kjarifika legali dwar kunċetti ewlenin relatati mal-azzjoni ta' monitoraġġ tagħha dwar l-infurzar tad-dritt tal-UE, użati wkoll regolarment fis-segwitu tagħha mogħti lill-petizzjonijiet, bħal “kwistjoni ta' prinċipji usa” u “nuqqas sistemiku ta' infurzar tad-dritt tal-UE” stabbiliti fl-approċċ strateġiku tagħha minqax fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2022 bit-titolu “L-infurzar tad-dritt tal-UE għal Ewropa li tagħti riżultati”, li tibni fuq Komunikazzjonijiet preċedenti, b'mod partikolari l-Komunikazzjoni tal-2016 “Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar”;
10. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tħaffef il-ħidma tagħha mal-Parlament biex tistabbilixxi s-soluzzjonijiet tekniċi u baġitarji meħtieġa biex tiffinalizza l-implimentazzjoni tal-għodda diġitali interistituzzjonali tal-IT immirata lejn il-qsim, b'mod trasparenti u kooperattiv, ta' informazzjoni u dokumenti dwar azzjonijiet ta' segwitu meħuda dwar il-petizzjonijiet, inkluż fil-qafas tal-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Dritt tal-UE;
11. Jissottolinja li implimentazzjoni mhux kompluta, segwita mill-introduzzjoni ta' liġijiet u politiki ġodda li jsofru l-istess defiċits kif identifikati qabel mill-QĠUE, trid tiġi sanzjonata permezz tat-tnedija ta' proċeduri ta' ksur;
12. Jisħaq fuq l-importanza li jintlaħqu l-aspettattivi ta' ċittadini tal-UE fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent, b'mod partikolari minħabba ż-żieda fl-għadd ta' petizzjonijiet ambjentali mibgħuta lill-Kummissjoni (minn 120 fl-2020 għal 144 fl-2021); jilqa' f'dan ir-rigward l-azzjonijiet meħuda mill-Kummissjoni b'reazzjoni għal każijiet speċifiċi ta' prattiki li jiksru l-leġislazzjoni ambjentali tal-UE f'xi Stati Membri;
13. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi infurzata azzjoni fil-livell tal-UE biex jiġu miġġielda d-diskors ta' mibegħda u d-diskriminazzjoni; ihegġegħ lill-Kummissjoni tipproteġi lill-gruppi vulnerabbli u l-minoranzi kollha mid-diskriminazzjoni f'konformità mat-Trattati u l-valuri fundamentali tal-UE;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar tal-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u tniedi proċedimenti ta' ksur kontra l-Istati Membri li ma jitrasonux jew ma jimplimentawx bis-sħiħ il-leġislazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni;
15. Jenfasizza r-rwol importanti tal-petizzjonijiet fl-identifikazzjoni ta' diversi forom ta' ksur tad-dritt tal-UE. Ifakkar li l-ksur “jista' [...] jingiebb għall-attenzjoni tagħha permezz ta' lmenti jew petizzjonijiet minn membri tal-pubbliku, negozji, NGOs jew

organizzazzjonijiet oħra.”<sup>1</sup>; jinnota li, fil-qasam tat-trasport, petizzjoni dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru għal rimborż jew kumpens għall-kanċellazzjoni tat-titjiriet fiż-żminijiet tal-COVID-19 wasslet għal monitoraġġ fl-Istati Membri kollha u għall-ftuħ ta’ proċeduri ta’ ksur; iħeġġeġ, f’dan ir-rigward, lill-Kummissjoni twettaq investigazzjonijiet bir-reqqa ta’ ksur tad-dritt tal-UE mqajjem mill-petizzjonijiet;

16. Itnni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex immedjatament jidħlu f’negozjati mal-Parlament dwar ftehim interistituzzjonali skont l-Artikolu 295 tat-TFUE biex jiġi stabbilit mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali;
17. Huwa inkwetat dwar in-nuqqas ta’ inizjattiva jew ta’ azzjoni effettiva tal-Kummissjoni biex tindirizza l-ksur jew in-nuqqas ta’ applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, minkejja l-evidenza ta’ sitwazzjonijiet li qed jiddeterjoraw f’diversi Stati Membri; jinsab imħasseb li t-talbiet ripetuti tal-Parlament għal azzjoni baqgħu ma twiġbux;
18. Jirrikonoxxi li l-Kummissjoni tat aċċess usa’ għall-informazzjoni dwar l-EU Pilot u l-proċeduri ta’ ksur formali għall-ilmentaturi iżda jqis li huma meħtieġa aktar trasparenza, ċarezza legali u aċċess għall-informazzjoni dwar il-proċedura kollha ta’ qabel il-ksur u ta’ ksur fil-kuntest tal-EU Pilot, u hu meħtieġ ir-rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-dritt tal-UE;
19. Jinnota, f’dan ir-rigward, l-isforzi tal-Kummissjoni biex turi l-impatt tal-petizzjonijiet fuq l-azzjoni ta’ infurzar tagħha f’għadd ta’ oqsma ta’ politika bħall-ambjent, il-migrazzjoni, it-tassazzjoni u l-enerġija; jenfasizza, madankollu, in-nuqqas ta’ numri eżatti ta’ petizzjonijiet ittrattati mill-Kummissjoni u dwar in-numru li wassal għall-bidu ta’ EU Pilots u l-proċedimenti ta’ ksur.

---

<sup>1</sup> Ir-rapport tal-Kummissjoni dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-dritt tal-Unjoni Ewropea fl-2021: [https://commission.europa.eu/system/files/2022-07/2021-swd-annual-report-eulaw-overview\\_en.pdf](https://commission.europa.eu/system/files/2022-07/2021-swd-annual-report-eulaw-overview_en.pdf)